

31989R0944

L 101/17

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

13.4.1989

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (EURATOM) Nru 944/89**tat-12 ta' April 1989****li jistabbilixxi l-livelli massimi permessi ta' kontaminazzjoni radjoattiva f'oġġetti ta' l-ikel ta' importanza minuri wara inċident nukleari jew kull każ ieħor ta' emerġenza radjoloġika**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 3954/87 tat-22 ta' Diċembru 1987 li jistabbilixxi l-livelli massimi permessi ta' kontaminazzjoni radjoattiva f'oġġetti ta' l-ikel u f'oġġetti ta' l-ikel għall-annimali wara xi inċident nukleari jew f'kull każ ieħor ta' emerġenza radjoloġika ⁽¹⁾, u partikolarment l-Artikolu 7 tiegħu,

Billi, skond ir-Regolament (Euratom) Nru 3954/87, il-Kummissjoni għandha tadotta lista ta' oġġetti ta' l-ikel ta' importanza minuri, flimkien mal-livelli massimi ta' kontaminazzjoni radjoattiva li għandha tiġi applikata għalihom;

Billi, il-grupp ta' esperti maħtura mill-Kumitat Xjentifiku u Tekniku skond l-Artikolu 31 tat-Trattat Euratom kien ġie kkonsultat;

Billi oġġetti ta' l-ikel li għandhom jiġu meqjusa huma dawk ta' importanza minuri għad-dieta li jiffurmaw kontribuzzjoni marġinali biss għal konsum ta' ikel mill-populazzjoni;

Billi l-oġġetti ta' l-ikel li għandhom jiġu inklużi fil-lista ta' l-oġġetti ta' importanza ta' l-ikel minuri iridu jiġu identifikati permezz tan-numru tal-kodiċi tan-nomenklatura kombinata tagħhom u d-deskrizzjoni dikjarata fir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3174/88 tal-21 ta' Settembru 1988 li jemenda l-Anness I mar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u statistika u dwar it-Tariffa Komuni Doganali ⁽²⁾;

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-12 ta' April 1989.

Billi l-Kumitat *ad hoc*, stabbilit bir-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 3954/87 ma tax l-opinjoni tiegħu fil-limitu taż-żmien stabbilit mill-President tiegħu,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

L-Artikolu 1

Il-lista ta' oġġetti ta' l-ikel ta' importanza minuri stabbilita skond l-Artikolu 7 tar-Regolament (Euratom) Nru 3954/87 hija mniżżla fl-Anness.

L-Artikolu 2

Għall-oġġetti ta' l-ikel ta' importanza minuri li jinsabu fl-Anness, il-livelli massimi permessi li għandhom jiġu applikati huwa 10 darbiet dawk li japplikaw għall-"oġġetti oħra ta' l-ikel għajr l-oġġetti ta' l-ikel ta' importanza minuri" ffissati fl-Anness mar-Regolament (Euratom) Nru 3954/87 jew skond ir-Regolamenti adottati fuq il-bażi ta' l-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament.

L-Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Għall-Kummissjoni

Carlo RIPA DI MEANA

Membre tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 371, tat-30.12.1987, p. 11.

⁽²⁾ ĠU L 298, tal-31.10.1988, p. 1.

L-ANNESS

Lista ta' oġġetti ta' l-ikel ta' importanza minuri

Kodiċi NM	Deskrizzjoni
0703 20 00	It-tewm (frisk jew imkessaħ)
0709 52 00	It-tartuf (faqqiegħ) (frisk jew imkessaħ)
0709 90 40	Il-kappar (frisk jew imkessaħ)
0711 30 00	Il-kappar (ippriservat proviżorjament, imma mhux tajjeb għall-konsum immedjat f'dan l-istat)
0712 30 00	It-tartuf (faqqiegħ) (imnixxef, sħiħ, imqatta', imfellel, imfarrak jew fi trab, imma mhux imħejji iktar)
0714	Il-kassava, l-ararut, id-dqiq ta' l-ararut, il-qaqoċċ ta' Ġerusalem, il-patata ħelwa u għeruq u tuberi simili b'kontenut għoli tal-lamtu jew ta' l-inulin, friski jew imqadda, sew jekk imfella u sew jekk le jew fil-għamla ta' boċċi; Il-laħam tas-sago
0814 00 00	Il-qoxra tal-frott taċ-ċitru jew tal-bettiħ (inkluż id-dulliegħ), friska, iffriżata, imqadda jew proviżorjament ippriservata fis-salmura, fl-ilma bil-kubrit jew f'xi soluzzjoni priservattiva oħra
0903 00 00	Il-maté
0904	Il-bżar tar-razza Piper; il-frott niexef u mgħaffeġ tar-razza <i>Capricum</i> jew tar-razza <i>Pimenta</i>
0905 00 00	Il-vanilla
0906	Il-kannella u l-fjuri tas-siġra tal-kannella
0907 00 00	It-tewm (sħiħ, snien jew aħdar)
0908	In-noċimuskata, il-qoxra ta' barra tan-noċimuskata u l-kardamonju
0909	Iż-żerriegħa ta' l-aniz, il-badjan, il-bużbież, il-kosbor, il-kemmun jew il-ħlewwa; il-kukku ta' l-Għorġhar
0910	Iż-zinzel, iż-żagħfran, it-turmeriku (kurkuma), is-sagħtar, il-weraq tar-rand, il-curry u hwawar oħra
1106 20	Id-dqiq u s-smid tas-sagu, l-għeruq jew it-tuberi ta' l-intestatura Nru 0714
1108 14 00	Il-lamtu tal-kassava (<i>Manioc</i>)
1210	Il-koni tal-ħopp, friski jew imqadda, sew jekk mitħuna u sew jekk le, f'għamla ta' trab jew f'gerbub; il-lupulin
1211	Pjanti u partijiet ta' pjanti (inklużi ż-żrieragħ u l-frott), tat-tip użati primarjament fil-perfumerija, fil-farmaċija jew fl-insettiċidi, fil-funġiċidi jew għal skopijiet simili, friski jew imqadda, sew jekk imqatta' u sew jekk le, misħuqa jew mitħuna
1301	Il-gommalakka; il-gomma naturali, it-teżini, it-teżini tal-gomma u balsamiċi
1302	Is-sugu u l-estratti tal-ħxejjex ta' l-ikel; is-sustanzi pektiċi, pektinati u pektati; l-agar-agar u l-mucillaġni u materjal ieħor li jgħaqqad, sew jekk modifikat u sew jekk le, derivati minn prodotti tal-ħxejjex ta' l-ikel
1504	Ix-xaħmijiet u ż-żjut u l-frazzjonijiet tagħhom, ta' ħut jew ta' mammali marini, sew jekk raffinati u sew jekk le, imma mhux modifikati kimikament
1604 30	Il-kavjar u s-sostituti tal-kavjar
1801 00 00	Iż-żerriegħa tal-kawkaw, sħiħa jew imfarrka, nejja jew inkaljata
1802 00 00	Il-qoxra tal-kawkaw, il-qoxra ta' barra, il-ħliefa jew ħela ieħor tal-kawkaw
1803	Il-pejst tal-kawkaw/kokotina, sew jekk bix-xaħam u sew jekk le
2003 20 00	It-tartuf (faqqiegħ) (imħejji jew ippriservat għajr milli fil-hall jew fl-aċidu aċetiku)
2006 00	Il-frott, il-ġews, il-qoxra tal-ġews u partijiet oħra tal-pjanti, ippriservati biz-zokkor (bl-ilma mneħħi, miksija biz-zokkor maħlul jew ikkristallizzati)
2102	Il-ħmira (attiva jew inattiva); u mikrorganiżmi oħra ta' ċellula waħda, mejta (imma ma jinkludux vaċċini ta' l-intestatura Nru 3002); <i>baking powder</i> imħejji
2936	Il-provitamini u l-vitamini, naturali jew riprodotti b'sintesi (inklużi l-konċentrati naturali), id-derivattivi tagħhom użati primarjament bħala vitamini, u taħlitiet ta' dawn l-imsemmija, sew jekk f'xi solventi u sew jekk le;
3301	iż-żjut essenzjali (sewwa jekk mingħajr terpenini u sewwa jekk le), inklużi l-konkrete u l-assoluti; ir-reżinojdi, il-konċentrati ta' żjut essenzjali f'xaħmijiet, jew fi żjut li jgħaqqdu, f'xama' u simili, miksuba b'infloraġġ jew bil-maċerazzjoni; il-prodotti sekondarji terpeniċi mid-deterpenazzjoni taż-żjut essenzjali, id-distillati akwei u s-soluzzjonijiet akwei taż-żjut essenzjali